# Tisliba fuq "Niftakar"

L-"għ" u l-"ie" mhumiex f'kaxxa waħda.



**Mimdudin**

1. "*qajla qajla / ftit ftit*" - X'tissejjaħ din ir-ripetizzjoni?
3. Kelma mill-poeżija li tfisser "*bla mistenni*".
5. Kif tissejjaħ il-poeżija meta tkun tittratta l-mewt ta' xi ħadd?
6. It-tieni strofa tittratta din l-okkażjoni.
7. "*tal-qniepen il-mota newwieħa*" - Liema lingwa figurattiva qed tintuża?

9. "*jien u int / u int u jien*" - X'jissejjaħ dan l-aspett strutturali li jgħin fl-effett ritmiku?
11. Din il-poeżija fiha dan it-tip ta' lingwaġġ għax ibbażat fuq dak li l-bniedem jisma', ixomm, imiss, itiegħem u jara.
12. Din il-poeżija hija _____ għax fiha sentiment qawwi.
13. It-ton użat mill-poeta.
16. Ir-ritmu kif tiddeskrivih?
18. Verb fl-ewwel persuna singular li juri ħsieb dwar il-passat.
19. Dan hu ppersonifikat biex joħloq effett ta' solitudni.
20. "*il-qabar, il-għadam id-dud*" - In-nuqqas tal-konġunzjoni "u".

**Weqfin**

2. "*u l-foxtrot, u t-tango, u l-waltzer,*" - X'jissejjaħ l-użu frekwenti tal-konġunzjoni "u"?
3. L-anafora b'din il-kelma li qiegħda fil-plural miksur toħloq effett ta' enfasi fit-tifkira li mhu se tintesa qatt.
4. Fil-poeżija nsibu użu frekwenti ta' rima mqabbża imma wkoll tar-rima _____?
7. Ix-xebh strutturali bejn l-ewwel u t-tieni strofa.
8. Onomatopea fit-tieni strofa.
10. It-ton fit-tieni strofa.
14. Il-poeta jindirizza lil martu. X'jissejjaħ dan l-indirizz poetiku?
15. Kelma oħra użata fil-poeżija flok "*ħeġġa*".
17. L-ewwel strofa tittratta din l-okkażjoni.